

32003R1336

26.7.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 187/21

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1336/2003****tal-25 ta' Lulju 2003****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2076/2002 dwar il-kontinwazzjoni ta' l-użu tas-sustanzi mniżżla fil-lista ta' l-Anness II****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)****IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ**

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li jipproteġu l-pjanti (¹), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/70/KE (²), u b'mod partikolari tar-raba' subparagrafu ta' l-Artikolu 8(2) ta' din id-Direttiva,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2002 (³) jistabbilixxi dispożizzjonijiet li jitkolbu li ċerti sustanzi attivi mniżżla fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE ma jkunux użati u li l-awtorizzazzjonijiet għal prodotti li jipproteġu l-pjanti u li jkun fihom dawn is-sustanzi attivi jkunu rtirati mill-Istati Membri. Fil-każ ta' użu li firrigward tiegħi ingħatat evidenza teknika addizzjonali li wriet li kien hemm il-ħtieġa essenziali li din is-sustanza attiva tibqa' tintuża u li ma kienx hemm alternattiva effiċċenti għal din is-sustanza, kienu stabbiliti miżuri temporanji sabiex jgħinu fl-iżvilupp ta' alternattivi.
- (2) L-Istati Membri preżentaw evidenza ġdida li turi li għad hemm bżonn essenziali għal aktar użu ta' dawn is-sustanzi. Din l-informazzjoni kienet eżaminata mill-Kummissjoni flimkien ma' esperti mill-Istati Membri. Għandhom jingħataw derogi biss f'dawk il-każijiet li jidhru li huma ġustifikati u li ma joħolqux tħassib u

għandhom ikunu limitati għall-kontrol ta' organiżmi li jagħmlu l-ħsara u li ma jeżistux alternattivi effiċċenti għalihom.

- (3) Ċerti sustanzi attivi huma koperti kemm mit-tielet u kif ukoll mir-raba' stadju tal-programm ta' ħidma minħabba r-relazzjoni kimika tagħhom jew minħabba l-użu speċifiku tagħhom. Sabiex ikunu evitati inkonsistenzi, għandhom isiru l-adattamenti neċċessarji fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 2076/2002.
- (4) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 2076/2002 għandu jkun emendat skond dan li ntqal.
- (5) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Food Chain u s-Saħħa ta' l-Annimali,

**ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:****Artikolu 1**

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 2076/2002 huma mibdul bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-publikazzjoni tiegħi fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fil-intier tiegħi u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-25 ta' Lulju 2003.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

(¹) ĠU L 230, 19.8.91, p. 1.

(²) ĠU L 184, 23.7.3, p. 9.

(³) ĠU L 319, 23.11.2, p. 3.

## L-ANNESS

## "L-ANNESS II

## Lista ta' l-awtorizzazzjonijiet msemmija fl-Artikolu 2(3)

Kolonna A	Kolonna B	Kolonna C
Sustanza attiva	Stat Membru	Użu
2-aminobutane	Ir-Renju Unit l-Irlanda	Żerriegħa maħżuna tal-patata Żerriegħa maħżuna tal-patata
1,3-dichloropropene (cis)	L-Olanda	Basal tal-fjuri, frawli, ħaxix, prodotti ta' mixtla tas-siġar, pjanti perenni, u tħawwil mill-ġdid ta' siġar tal-frott
4-CPA (4-chlorophenoxyacetic acid)	Greċja Spanja	Għeneb (mingħajr żerriegħa) Tadam, brunġiel
Acifluorfen	L-Italja	Sojja
Azaconazole	Belġju l-Olanda ir-Renju Unit	Bżar ħelu, tadam, trattament ta' feriti fis-siġar Tadam Pjanti użati bħala ornamenti
Benfuresate	Spanja	Qoton
Bromacil	Franza	Lavanda, lavandin
Bromopropylate	Belġju l-Italja Spanja	Fażola Frott li ż-żerriegħa tiegħu tkun magħluqa fkarapelli f'nofs il-frotta, dwieli Lumi, tadam, frott li ż-żerriegħa tiegħu tkun magħluqa fkarapelli f'nofs il-frotta, dwieli
Calcium hydroxide (magħruf ukoll bħala slake lime (*))	L-Olanda	Frott
Cartap	L-Italja	Frott li ż-żerriegħa tiegħu tkun magħluqa fkarapelli f'nofs il-frotta, frott ta' l-għadma, tadam, brunġiel, bżar, bettieħ, qara' bagħli jew xitwi, pjanti użati bħala ornamenti
Chinomethionate	Greċja Spanja	Bettieħ, dullieħ Cucurbitaceae
Chlorfenvinfos	Id-Danimarka il-Ġermanja l-Irlanda Franza l-Olanda l-Isvezja il-Portugall Spanja	Kaboċċi Ravanell żgħir, ravanell, zunnarija, basal, karfus, kaboċċi, ħjar, lift li ż-żerriegħha tiegħu tintuża għaż-żejt Zunnarija, zunnarija bajda, kaboċċi, nevew safrani Faqqiegħ, asparagu, krexxumi, ravanell, spinaċi, insalata tal-qamħ, ħjar żgħir, qara' bagħli żgħiर, basal, basal abjad, zunnarija, karfus oħxon, kurrat, karfus, tursin, tewm, kaboċċi, nevew Kaboċċa, basal, zunnarija, ħaxix tal-ġenuss Brassica, nevew safrani, nevew, ravanell, ravanell iswed, kurrat, karfus oħxon, Ħass ikkaboċċjat, u nevew safrani Ħaxix tal-ġenuss Brassica Ħaxix tal-ġenuss Brassica
Cyanazine	Ir-Renju Unit l-Isvezja l-Irlanda	Piżelli, fażola, ħaxix tal-ġenuss Brassica, narċis, kull ġens ta' tewm, siġar imkabba fil-foresti Lift li ż-żerriegħha tiegħu tintuża għaż-żejt u ħjar użat fl-immarinar Basal
Dalapon	L-Italja	Ross

Kolonna A	Kolonna B	Kolonna C
Sustanza attiva	Stat Membru	Użu
Ethion	Franza	Zunnarija, tursin, karfus, karfus oħxox, tewm, basal abjad, basal, kurrat, kaboċċi
Dikegulac	Il-Ġermanja	Pjanti użati bħala ornamenti (taħt il-ħġieġ)
Dimefuron	Il-Ġermanja	Lift li ż-żerriegħha tiegħu tintuża għaż-żejt
Dinobuton	Spanja	Frott li ż-żerriegħha tiegħu tkun magħluqa fkarapelli f'nofs il-frotta
Ethyl dipropylthiocarbamate (EPTC)	Il-Portugall	Patata
Fenpropathrin	Ir-Renju Unit	Frott artab (ribes)
Fenuron	Ir-Renju Unit	Piżelli, fażoli, spinaċi
Flumethralin	Il-Portugall Spanja	Tabakk Tabakk
Fomesafen	Ir-Renju Unit Franza l-Italja	Piżelli, fażola, lupina Fażola sojja, fażola Fażola sojja, fażola, piżelli
Furalaxyl	L-Irlanda	Pjanti użati bħala ornamenti
Furathiocarb	Il-Belġju	Kurrat
Haloxyfop	Id-Danmarka	Għelieqi bil-ħaxix u żerriegħha ta' żwien ħomor tal-ġenuss Festuca, ħammiela ta' pjanti ornamenti
Heptenophos	L-Irlanda l-Italja	Pjanti ornamenti, ġjar, tadam, ġass, Kaboċċi, fażola, ġass
Hexazinone	L-Awstrija Franza l-Irlanda Spanja	Siġar koniferi Siġar koniferi, lavanda, lavandin, salvja, ghud is-sus, xnien, kannamiela Siġar koniferi Siġar koniferi, xnien
Imazapyr	L-Irlanda il-Portugall	Siġar imkabbra fforesti Art li ma tintużax għat-tkabbir ta' učuh tar-raba'
Iminoctadine	Il-Greċċa	Tadam imkabbar taħt il-plastik
Mepronil	L-Awstrija	Ġass
Metobromuron	Il-Belġju Spanja il-Ġermanja Franza	Ġass tat-tip valerjanella, fażola, patata Patata Ġass tat-tip valerjanella, fażola, tabakk Ġass tat-tip valerjanella
Metoxuron	Il-Belġju Franza l-Irlanda il-Lussemburgu l-Olanda ir-Renju Unit	Zunnarija, patata Zunnarija Zunnarija Zunnarija, patata Zunnarija, patata, iris, gladjoli Zunnarija, zunnarija bajda

Kolonna A	Kolonna B	Kolonna C
Sustanza attiva	Stat Membru	Użu
Naptalam	Spanja Franza	Bettieħ, dulliegħ Bettieħ
Omethoate	L-Awstrija	Pjanti ornamentalni
Orbencarb	L-Awstrija	Lupini
Oxadixyl	Il-Belġju	Fażola trattament taż-żerriegħha
Oxycarboxin	Ir-Renju Unit l-Awstrija il-Greċċa Spanja l-Irlanda	Pjanti ornamentalni Pjanti ornamentalni Pjanti ornamental, fjuri Pjanti ornamentalni Tuba bil-ħaxix magħha
Pebulate	Il-Greċċa	Tabakk
Pentanochlor	Ir-Renju Unit	Pjanti tal-familja <i>Umbelliferae</i> li jagħmlu l-umbelli, ħaxix aromatiku, pjanti ornamentalni
Prometryn	Ir-Renju Unit Spanja il-Greċċa l-Irlanda il-Portugall Franza	Pjanti tal-familja <i>Umbelliferae</i> li jagħmlu l-umbelli, kull ġens ta' tewm, ħaxix aromatiku Zunnarija, karfus, qoton, ċiċri, piżelli, għads Qoton Zunnarija, tursin, karfus, zunnarija bajda Potata, zunnarija, tursin, kurrat, piżelli Karfus, karfus oħxon, għads, kurrat
Pyridafenthion	Spanja	Dwieli, mergħha, lumi
Resmethrin	Ir-Renju Unit	Faqqiegħ
Rock powder (*)	L-Awstrija	Siġar imkabbra fforesta
Sethoxydim	L-Awstrija il-Belġju l-Italja	Frawli Kurrat, fażola, kaboċċi Ħaxix
Silver nitrate	L-Olanda	Ħjar u ħjar żgħir imkabbra għaż-żerriegħha
Sodium monochloracetate	Ir-Renju Unit l-Irlanda	Ħaxix tal-ġenus <i>Brassica</i> , kull ġens ta' tewm, frott artab, ħops Kaboċċi, kaboċċi żgħar, kaboċċi tat-tip <i>kale</i>
Sodium silver thiosulphate	Id-Danimarka	Fjuri maqtugħha, pjanti mkabba ġo qasrija
Sulfotep	Il-Ġermanja	Pjanti ornamentalni u ħaxix imkabbar ġos-serer
Tar acids - Qatran Aċidu (*)	L-Irlanda ir-Renju Unit	Użu bħala diżinfettant Użu bħala diżinfettant
Temephos	Spanja	Ross
Terbacil	Spanja Franza il-Greċċa ir-Renju Unit	Naghnieħ Armika, rew bil-linji mqabbża, pjanti tal-ġenus <i>Commiphora</i> , nagħniegħ tat-tip peppermint, organu, pensiera salvaġġa, rosmarin, sagħtrijs tax-xitwa, salvja, sagħtar Pjanti aromatiċi Pjanti aromatiċi u farmaċewtiċi

Kolonna A	Kolonna B	Kolonna C
Sustanza attiva	Stat Membru	Użu
Terbufos	Il-Greċċa	Pitravi taz-zokkor
Terbutryn	Ir-Renju Unit Spanja l-Irlanda	Piżelli, fażola, lupini Siġar taċ-ċitru Piżelli, fażola
Tetradifon	Spanja l-Irlanda	Siġar taċ-ċitru, Cucurbitaceae, tadam, għeneb Tadam, ġjar, pjanti ornamenti mal-ħażuha f'mixtilek
Triazophos	L-Irlanda	Zunnarija
Triforine	L-Awstrija id-Danimarka	Fażola, ġjar, pjanti ornamenti li għadhom qed jikbru, ward Tuffieħ, lanġas, ribes, passolina ġamra, ružberri
Vamidothion	Belġju Spanja l-Italja il-Portugall	Tuffieħ, koltivazzjoni tas-siġar Frott li ż-żerriegħa tiegħu tkun magħluqa f'karapelli f'nofs il-frotta Frott li ż-żerriegħa tiegħu tkun magħluqa f'karapelli f'nofs il-frotta Tuffieħ, lanġas

(\*) Din is-sustanza tista' tħalli fis-suq għall-użu msemmi sakemm ikunu finalizzati l-proċeduri taħt ir-raba' stadju tal-programm ta' ħidma kif mibdija mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1112/2002."